*is-subartikolu 36(3) tal-L.S. 441.07 ma jitlobx xi forma partikolari iżda biss li l-motivazzjonijiet tal-appell u t-talba jkunu ċari – ma jistax ikun hemm dubju li d-dokument ippreżentat mill-appellant quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar huwa nieqes minn kull forma ta' rikors tal-appell, jiġifieri anki ż-żewġ elementi bażiċi tiegħu rikjesti mis-subregolament 36(3) tal-L.S. 441.07, li huma l-motivazzjonijiet u t-talba – il-Qorti tikkunsidra illi jekk il-kitba titqies waħedha barra mill-kuntest tal-atti li tinstab fihom, ċertament ma tistax tinftiehem bħala rikors tal-appell – dan hu l-eżami li għandu jsir u jekk il-kitba tfalli, ma jistax jingħad li tħarsu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 36(3) tal-L.S. 441.07 –jekk il-kitba titqies waħedha barra mill-kuntest tal-atti li tinstab fihom, ċertament ma tistax tinftiehem bħala rikors tal-appell. Dan huwa l-eżami li għandu jsir u jekk il-kitba tfalli, ma jistax jingħad li tħarsu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 36(3) tal-L.S. 441.07*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 31/2021 LM

**Alfred Borg (K.I. Nru. 398578M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur tal-Kummerċ**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur tal-Kummerċ** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Marzu, 2021,

[minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar [minn issa 'I quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell tar-rikorrent **Alfred Borg (K.I. nru 398578M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] mid-deċiżjoni tad-Direttur tal-5 ta' Novembru, 2020 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni tad-Direttur appellant"], kif ġej:

*"Għaldaqstant, meħud inkonsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Bord jilqa' l-appell fis-sens illi, filwaqt illi jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat, jordna li jiġu estiżi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4.00am b'dan illi fil-ħin ta' bejn is-1.00am u l-4.00am:-*

*i) l-appellant m'għandux iservi klijenti fuq barra tal-ħanut;*
*ii) l-appellant m'għandux jippermetti l-użu ta' l-imwejjed li għandu barra fi Strada Stretta;*
*iii) il-bibien tal-istabbiliment għandhom jinżammu magħluqin, salv sakemm jidħlu u joħorġu n-nies.*

*Del resto, l-appellant għandu josserva skrupolożament il-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti kif ukoll id-dettami tal-liġi speċjalment dawk li jipprojbixxu id-daqq ta'mużika amplifikata li tinstema' minn barra wara l-11.00pm."*

## <u>Fatti</u>

2. L-appellat għamel talba lid-Direttur appellant sabiex jingħata estensjoni tal-ħin tal-ftuħ tan-negozju tiegħu li huwa jiġġestixxi mill-fond bl-isem "Silver Horse" f'Strada Stretta, il-Belt Valletta, [minn issa 'l quddiem "il-fond"], iżda fil-5 ta' Novembru, 2020 ġie infurmat mill-imsemmi Direttur appellant li t-talba tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda, wara li kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ir-raġuni li ngħatat kienet li l-lokalità mhijiex

maħsuba biex tkun post tad-divertiment, u bl-attività tiegħu l-appellat kien diġà qed jiġġenera ħafna storbju li kien qed idejjaq ir-residenti tal-inħawi.

**Mertu**

3. Fis-27 ta' Novembru, 2020 l-appellat ippreżenta lill-Bord rapport ta' *sound engineer* u ittra tal-Kunsill Lokali Valletta in sostenn tat-talba tiegħu għal estensjoni tal-ħin tal-ftuħ tal-fond.

4. Id-Direttur appellat wieġeb fejn preliminarjament eċċepixxa li r-rikors tal-appell huwa null u invalidu stante li ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 36 tal-Liġi Sussidjarja 441.07. Fil-mertu sostna li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jispjega r-raġunijiet tiegħu għal dan.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***"Ikkunsidra:***
>
> *Illi l-Bord sejjer l-ewwel jikkonsidra l-ewwel preġudizzjali sollevata mill-appellat Direttur tas-Servizzi fejn qed jiġi eċċepit illi ir-rikors ta' appell* "huwa null u invalidu stante li mhuwiex magħmul ai termini tar-regolament 36 tal-Liġi Sussidjarja 441.07, u ċioé r-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, li jipprovdi dwar kif għandu jsir

formalment l-appell mid-deċiżjoni tal-esponent, speċifikament is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament li jipprovdi illi *"Fir-rikors għandu jkun hemm mniżżla ċar il-motivazzjonijiet għall-appell u t-talba li jkun qed jagħmel min jappella"."*

*Illi minn dan l-artikolu jirriżulta illi l-liġi ma tirrjedix xi formalità partikolari sabiex wieħed jappella quddiem dan il-Bord però sempliċiment trid illi l-motivazzjonijiet ta' l-appell ikunu ċari u jkun ċar ukoll x'ikun qed jintalab mill-appellant.*

*Illi l-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet:* Arkitett u Inginier Civili Godwin Drago D'Aragona et vs Philip Micallef et noe *(fn. 1 Deciza fit-8 ta' Novembru 2004 (Appell Civili Numru. 1163/1998/1)) fejn insibu s-segwenti dwar rekwiżiti ta' rikors ta' appell:*

> "Huwa sufficjenti li jkun jirriżulta b'mod ċar, u mingħajr ħafna tiġbid lingwistiku u kuntrumbajsi mentali, x'qed jintalab. Inoltre, fid-dawl tal-emendi introdotti fl-Artikolu 143 tal-Kap. 12 bl-Att XXIV tal-1995 tneħħiet ħafna mir-riġidità proċedurali li qabel kienet teżisti fir-rigward ta' x'għandu jkun fiha talba fir-rikors ta' appell (ara in partikolari s-subartikoli (3) u (4) tal-imsemmi Artikolu 143)."

*Illi din is-sentenza tirriferi għal appell quddiem Qorti u mhux appell quddiem Bord.*

*Illi in oltre fis-sentenza fl-ismijiet* Charles Fenech vs L-Awtorita tal-Ippjanar *(fn. 2 Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) (Tribunal Ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar) Onor. Imhallef Mark Chetcuti LL.D fis-27 ta' Ġunju, 2017 (Appell Nru. 8.2017)) insibu s-segwenti:*

> *"Illi jibda biex jiġi osservat li f'materja ta' nullità tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuża għal finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullità għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bħala ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (Vella vs Cefai, App 04/11/1991 (Kollez. Vol: LXXV.ii.467). Att ġudizzjarju għandu allura jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsub biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarità li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi*

> *wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija (Vella et vs Medserv Operations Limited, PA 31/10/2008)".*

*Illi appart minn hekk il-Laurent ("Principii di Diritto Civile", vol. 1 para. 43) jgħallem illi* 'la nullità è un mezzo estremo a cui il legislatore non ricorre che in caso di necessità*".*

*Illi finalment, l-artikolu 7(4) tal-Kap. 441 jgħid hekk:*

> "Il-proċedura li għandha tiġi segwita quddiem il-Bord, it-terminu li fih u l-mod kif appell lill-Bord għandu jsir ikunu dawk kif jistgħu jiġu preskritti; u bla ħsara għal dan, u għal kull dispożizzjoni oħra li tapplika ta' dan l-Att, il-Bord jista' jistabbilixxi l-proċedura tiegħu nnifsu."

*Illi dan juri illi l-leġislatur ma riedx illi jorbot lil dan il-Bord b'rigorożità li sa ċertu punt huma marbutin biha l-Qrati.*

*Illi, rinfaċċat b'dan, dan il-Bord ma jħossx li għandu jippretendi riġidità fil-forma li biha jiġi intavolat appell dment illi dak li jkun qed jiġi lmentat u li jkun qed jintalab ikunu ċari. Għalkemm l-appell odjern huwa miktub b'mod konċiż ferm però mill-banda l-oħra ma jistax jingħad illi dak li qed jitlob l-appellant ma jistax jinftiehem. L-appellant qed jikkontesta r-rifjut li l-ħin tal-ftuħ ta' l-istabbiliment tiegħu jiġi estiż sal-4.00am u r-raġunijiet li qed jagħti l-appellant huma tlieta – li m'hemmx residenzi fil-viċin, l-appellant għandu l-kunsens tal-Kunsill Lokali tal-Belt u li għandu sistema ta'* sound proofing *tajba b'tali mod li mhux ser jinħoloq inkonvenjent minħabba ħsejjes.*

*Illi għalhekk din il-preġudizzjali qed tiġi miċħuda.*

*Illi issa l-Bord ser jgħaddi biex jikkonsidra l-mertu.*

*Illi r-rifjut tal-appellat kien ibbażat fuq żewġ konsiderazzjonijiet – iż-żona in kwistjoni mhix waħda ta' divertiment u fl-inħawi hemm numru konsiderevoli ta' residenti.*

*Illi qabel xejn il-Bord ma jistax ma jagħtix piż lill-ittra tal-Kunsill Lokali tal-Belt datata 20 ta' Novembru 2020 li biha is-Sindku Alfred Zammit iddikjara illi m'għandu ebda oġġezzjoni li l-fond in kwistjoni jopera sal-4.00am prevja illi jkollu sistema ta'* sound insulation *u li ma jkun hemm l-ebda attività barra l-fond.*

*Illi l-Bord ra wkoll ir-rapport, għalkemm pjuttost konċiż, tal-inġinier Christopher Gatt fejn dan jikkonferma illi l-livelli ta' ħoss minn barra ma jaqbiżx il-85db fil-massimu tiegħu bil-medja tkun ta' 70db. Meta jingħalaq l-ewwel livell ta' bibien dan jinżel għal massimu ta' 60 db u meta jingħalqu l-bibien kollha ma joħroġ l-ebda ħoss barra.*

*Illi Christopher Gatt xehed fil-21 ta' Jannar 2021 fejn qal illi s-*soundproofing *huwa professjonali. Hemm żewġ* layers *ta'* soundproofing. *Hemm* sound proofing *tal-ħitan li ddeskrivihom hu bħala* sound barriers, accoustic treatment, sound proofing, rubber *u* rock wood *biex ma jinstemax l-eku. Ikkonferma r-rapport tiegħu. Qal li hemm spekers barra li jistgħu jintfew.*

*Illi fl-istess seduta xehdet ukoll Viviane Micallef, residenta fejn xehdet illi hija tgħix eżatt fuq il-fond in kwistjoni u tgħix fit-tielet sular. Hija xehdet li ma tismax ħsejjes, anzi tieħu pjaċir bil-mużika li però tindaqq sal-11.00pm. Qatt ma dejquha u qatt ma ilmentat.*

*Illi xehdet ukoll Amanda Cassar, Uffiċjal tad-Dipartiment tal-Kummerċ li xehdet illi fl-inħawi l-postijiet li għandhom permess sal-4.00am huma s-segwenti:*

*Loop Bar*
*Yard 32*
*Frascati Café*
*Tico Tico Bar*

*Illi d-Direttur appellat xehed b'affidavit fejn spjega illi meta jkun hemm l-oġġezzjoni tal-Pulizija d-Dipartiment m'għandux għażla ħlief li jirrifjuta l-applikazzjoni.*

*Illi s-Supretendent Victor Aquilina xehed fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2021 u xehed li l-oġġezzjoni tiegħu kienet minħabba l-fatt illi l-Belt mhix żona ta' divertiment u minħabba r-residenti fl-akkwati u l-monasteru tas-sorijiet. Xehed illi jidħlu* complaints *mill-Kunsill Lokali dirett fuq il-WhatsApp tiegħu. Jidħlulu rapporti però ma setax jgħid min għamilhom jew dwar liema stabbiliment.*

*Illi xehed ukoll l-appellant li qal illi l-blokka kollha hija ta' VBL Group, illi huma nefqu ħafna fuq* soundproofing *u li l-area kollha hija żona ta' divertiment b'ħafna stabbilimenti. Għandhom ukoll imwejjed barra u l-mużika barra tieqaf fil-11.00pm.*

*Illi ġew ukoll esebiti l-kondotti tal-Pulizija tal-appellant u ta' sieħbu Maverick Cassar li juri li huma t-tnejn persuni ta' kondotta tajba.*

*Ikkonsidra;*

*Illi dan il-Bord ma jistax jinjora l-fatt illi fit-triq in kwistjoni hemm numru ta' stabbilimenti li għandhom ħin ta' ftuħ estiż sal-4.00am u oħrajn li m'għandhomx. Ma jistax jinjora lanqas id-dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali li m'għandux oġġezzjoni li t-talba tal-appellant tiġi milqugħa suġġett għal kundizzjoni li jkollu* soundproofing *tajjeb, liema kundizzjoni jirriżulta li ġiet sodisfatta. Ma jistax jinjora lanqas illi Strada Stretta qiegħda ssir gradwalment triq mimlija ħwienet speċjalment ħwienet ta'*

*divertiment u li l-blokka in kwistjoni hija kważi kollha ta' VBL Group u ġiet konvertita f'ringiela ta' ħwienet.*

*Illi kif tenna dan il-Bord fid-deċiżjoni għall-appell fl-ismijiet* Clint Debono vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ *li kien jikkonċerna l-ħanut La Bottega fi Triq Merkanti, dan il-Bord ma jistax ma jagħmilx distinzjoni bejn iż-żona fi Strada Stretta fejn din it-Triq qiegħda ssir żona b'konċentrazzjoni qawwija ta' barijiet u ristoranti kważi wieħed fejn wieħed u żoni oħra fil-Belt li huma iktar assoċjati ma' residenzi u tipi differenti ta' negozji.*

*Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza ta' dan il-Bord diversament presjedut fl-ismijiet* Dr. William Cuschieri vs. Direttur tal-Kummerċ *fejn il-Bord tenna hekk:*

> "Illi, hija realtà li l-Belt Valletta qed tevolvi b'mod mgħaġġel ħafna. Il-Bord jifhem illi l-interessi kummerċjali f'din il-lokalità huma ta' entità kbira u l-investiment li qed isir huwa wieħed impenjattiv ħafna. Illi mill-banda l-oħra dan l-iżvilpp irid isir in sintonija mal-bżonnijiet tar-residenti u anke b'ċertu żelu lejn il-fatt illi hawn si tratta dwar applikazzjoni fil-Belt Kapitali. Illi però dwar dan il-punt il-Bord iħoss illi jkun aktar idoneju illi l-awtoritajiet kompetenti jgħaddu regolamenti li jistabbilixxu ħin *ad hoc* meta l-ħwienet kollha, mingħajr distinzjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw il-kummerċ.
>
> ...
>
> ... Illi jidher li l-Pulizija għal raġunijiet li jafuhom huma biss għamlu distinzjoni bejn l-applikanti, ta' uħud daħlet risposta tard u f'ta' oħrajn addirittura ma saritx oġġezzjoni. Illi ċertament li dan il-Bord mhuwiex ser jippresta lilu nnifsu biex huwa jiddistingwi bejn applikant u ieħor u anqas ma jħoss li huwa korrett li l-iżbalji li saru qabel fuq talbiet għal estensjoni issa jintefgħu f'ħoġor il-Bord sabiex wieħed jara kif dan se jiddeċiedi. Illi, l-Bord iħoss illi jkun diskriminatorju għall-aħħar illi fi triq fejn għandek ħwienet b'permess sal-erbgħa ta' filgħodu (4am) li jiġi rifjutat l-istess talba eżatt lil ħaddieħor."

*Illi l-abbli difensur tal-appellat għamlet referenza għal u esebiet sentenza fl-ismijiet* David Paul Caruana vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ *(fn. 3 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-7 ta' Ottubru 2020 (App Nru. 45/19LM) esebita bħala Dok CP6) fejn deċiżjoni ta' dan il-Bord fejn ġiet milqugħa talba għal estensjoni sal-4.00am taħt ċertu kundizzjonijiet ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell. B'differenza għal dawn il-proċeduri però, f'dawk il-proċeduri kien hemm l-oġġezzjoni ta' numru ta' ġirien u kien saru anke diversi ilmenti fuq dak il-ħanut partikolari, fatti li ma rriżultawx f'dawn il-proċeduri. Fil-fatt l-unika residenta li ġiet prodotta ddikjarat li l-ħanut in kwistjoni ma jdejjaqhiex u wara l-11.00pm hija ma tismax storbju.*

*Illi dan il-Bord lanqas iħoss li hu marbut bl-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif donnu ġie suġġerit fis-sentenza ta' David Paul Caruana hawn fuq ċitata. Tant hu hekk illi l-artikolu 36(1) tal-Liġi Sussidjarja 441.07 tikkontempla appell f'każ ta'* "Applikant għal liċenza taħt l-Att, ... iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tas-Sezzjoni msemmija dwar xi liċenza ... jew nuqqas ta' kunsens mogħti mill-Kummissarju tal-Pulizija lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ,". *Kwindi kienet ir-rieda tal-leġislatur illi dan il-Bord jissindika wkolll-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija meta jkun hemm (a) żball materjali dwar il-fatti, (b) żball materjali proċedurali, (ċ) żball tal-liġi jew (d) xi illegalità materjali, inkluża ir-raġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità. (fn. 4 Artikolu 6(2) tal-Kap. 441) (enfasi tal-Bord).*

*Illi l-Bord ukoll jagħmel referenza għal sentenza fl-ismijiet* Dr. Louis Buhagiar vs Prim Ministru et *(fn. 5 Deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Onor. Imħallef Abigail Lofaro fl-24 ta' Frar, 2012 (Ċitazzjoni Numru. 463/2005) fejn insibu s-segwenti:*

Illi fil-kuntest ta' din id-disposizzjoni, jidħol l-element ta' dak li huwa "raġonevoli" *(reasonableness)* u li għandu jkun segwit mill-awtorità pubblika meta tiddeciedi jew teżerċita d-diskrezzjoni tagħha. Wade ("Administrative Law") jikkummenta hekk :-

> *"A person in whom is veted a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

*Illi għalhekk il-Bord ser jilqa' l-appell però taħt ċertu kundizzjonijiet biex jiġu protetti l-interessi tar-residenti u jinħoloq bilanċ."*

## L-Appell

6. Id-Direttur appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-29 ta' Marzu, 2021 fejn qed jitlob sabiex din il-Qorti:

*"...jogħġobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza datata 3 ta' Marzu 2021, billi TĦASSARHA fejn laqgħet l-appell tal-appellat u minflok tikkonferma d-*

*decizjoni tal-appellant tal-5 ta' Novembru 2020 bhala wahda kemm fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat".*

L-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) in-nullità tal-appell stante nuqqas ta' tħaris għad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi; (ii) ġaladarba rriżulta li l-oġġezzjoni tal-Pulizija kienet fondata, il-Bord ma setax jiddeċiedi li jestendi l-ħinijiet tal-ftuħ; (iii) il-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda rwol fiċ-ċaħda o meno ta' talba għal estensjoni ta' ħin; (iv) il-Bord għamel konsiderazzjoni żbaljata tax-xhieda; u (v) il-Bord ma mmotivax l-asserzjoni illi l-Pulizija kienu irraġonevoli jew li mxew b'nuqqas ta' proporzjonalità.

7. L-appellat wieġeb fis-26 ta' April, 2021 fejn jikkontendi li l-appell intavolat mid-Direttur appellant għandu jiġi miċħud minn din il-Qorti għal dawk ir-ragunijiet li jfisser fit-tweġiba tiegħu, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmi Direttur appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-ewwel aggravju li qed iressaq id-Direttur appellant, liema aggravju jekk ġustifikat u jintlaqa', għandu jġib fix-xejn dawn il-proċeduri kif istitwiti mill-appellat.

9. Id-Direttur appellant jissottometti li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord li ma jilqax l-eċċezzjoni preliminari tiegħu fejn hu kien irrileva li:

> *"...preliminarjament, ir-rikors ta' appell in risposta huwa null u invalidu stante li mhuwiex magħmul* ai termini *tar-regolament 36 tal-Liġi Sussidjarja 441.07 u ċioé r-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, li jipprovdi dwar kif għandu jsir formalment l-appell mid-deċiżjoni tal-esponent, speċifikament is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament li jipprovdi illi* "Fir-rikors għandu jkun hemm mniżżla ċar il-motivazzjonijiet għall-appell u t-talba li jkun qed jagħmel min jappella". *Illi l-ittra mibgħuta għall-attenzjoni tal-Bord nhar is-27 ta' Novembru 2020 mill-appellant ma tispeċifikax it-talba li qiegħed jagħmel l-appellant, lanqas imqar tispeċifika li huwa qiegħed jappella mid-deċiżjoni tal-esponenti".*

Id-Direttur appellant ifakkar li l-Bord iċċita diversi sentenzi fejn ingħad li n-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema u li f'dawn l-aħħar snin twarrbet ħafna mir-riġidità tal-proċedura. Jirrileva li madankollu fil-każ odjern l-appell (a) la kellu l-forma ta' rikors u saħansitra lanqas kien fih il-kelma 'rikors'; (b) kien sar fil-qasir fejn il-motivazzjonijiet lanqas kienu ċari; u (ċ) ma kienx fih talba. Jikkontendi li ta' mill-inqas il-minimu rikjest mil-liġi kellu jiġi mħares u l-Bord m'għandux il-mansjoni li jsalva l-atti proċedurali u lanqas seta' jagħti interpretazzjoni wiesgħa tal-liġi. Jirrileva li l-Bord saħansitra laqa' talba li ma kinitx teżisti u b'hekk id-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra petita*. In sostenn tal-argument tiegħu d-Direttur appellant jagħmel riferiment għal ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri)[1] u tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla.[2]

10. L-appellat jgħid li l-Bord iddeċieda tajjeb meta osserva li s-subartikolu 36(3) tal-L.S. 441.07 ma jitlobx xi forma partikolari iżda biss li l-motivazzjonijiet tal-appell u t-talba jkunu ċari. Jinsisti li minn qari tar-rikors tal-appell tiegħu jirriżulta li dawn huma evidenti u fil-fatt l-imsemmi rikors jagħmel riferiment speċifiku għat-talba tiegħu għal estensjoni tal-ħinijiet u jelenka r-raġunijiet

[1] Health Services Group Limited *vs.* Id-Direttur tal-Kuntratti et, 28.04.2017.
[2] Chehade Mahmoud *vs.* Avukat Ġenerali et, 28.01.2020.

għaliex it-talba tiegħu kellha tintlaqa'. B'hekk kuntrarjament għal dak li kien qed jallega d-Direttur appellant, id-deċiżjoni appellata mhijiex *ultra petita.* L-appellat jinsisti li meta milqugħa b'eċċezzjoni preliminari bħal dik odjerna, il-Qrati dejjem ikkonsidraw jekk il-parti li kienet qiegħda tressaq l-eċċezzjoni kinitx imfixkla jew ippreġudikata milli twieġeb għal dak ir-rikors. Jispjega li jekk dik il-parti setgħet twieġeb faċilment, u dan skont kif ġara fil-każ odjern, kien isegwi li l-motivazzjonijiet tar-rikors kienu ċari u anki dak li kien qed jintalab. Hawnhekk l-appellat in sostenn tal-argument tiegħu l-appellat jagħmel riferiment għal deċiżjoni tal-Bord fl-ismijiet Anthony Zarb vs. Direttur tal-Kummerċ[3], u anki għal sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla.[4] Jirrileva li f'kwalunkwe każ is-subartikolu 7(4) tal-Kap. 441 kien jagħti diskrezzjoni lill-Bord li jistabbilixxi l-proċedura tiegħu stess.

11. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tad-Direttur appellant. Minn qari tad-dokument li l-appellat ippreżenta lill-Bord fis-27 ta' Novembru, 2020, il-Qorti tgħid li bl-ebda mod ma jista' jinftiehem li permezz tiegħu kien qed isir appell mid-deċiżjoni tad-Direttur appellant. Tqis li dan id-dokument qiegħed sempliċement iġib a konjizzjoni tar-riċevitur dik l-informazzjoni miġbura mill-persuna firmatarja li huwa proprju l-appellat. Ma jistax ikun hemm dubju li d-dokument huwa nieqes minn kull forma ta' rikors tal-appell, jiġifieri anki ż-żewġ elementi bażiċi tiegħu rikjesti mis-subregolament 36(3) tal-L.S. 441.07, li huma l-motivazzjonijiet u t-talba. Tgħid li lanqas ma jista' jingħad li b'xi mod huwa faċli li dawn jiġu interpretati kif wasal biex għamel il-Bord. Madankollu l-Qorti tagħraf li l-Bord fetaħ is-sottomissjonijiet tiegħu b'mod korrett meta qies

[3] Dok. A. anness mar-rikors tal-appell tal-appellant.
[4] Manwel Fava *vs.* Water Services Corporation et, 09.04.2013.

li s-subregolament suriferit ma jirrikjedi l-ebda formalità partikolari sabiex isir appell quddiemu. Saħansitra għaraf ukoll li dan is-subregolament jirrikjedi li l-motivazzjonijiet u t-talba għandhom ikunu ċari, iżda meta l-imsemmi Bord għadda sabiex applika d-dispożizzjonijiet tiegħu u anki dak li tgħid il-ġurisprudenza fil-materja dwar il-kjarezza tal-ilment u tat-talba mressqa fl-appell, l-imsemmi Bord jiskarta dan ir-rekwiżit tal-aħħar, anzi b'mod inspjegabbli iqis li *"...ma jistax jingħad illi dak li qed jitlob l-appellant ma jistax jinftiehem"*. Kif fuq ingħad, il-Qorti tqis li għall-kuntrarju, dak li qed jitlob l-appellat huwa għalkollox nieqes mill-komunikazzjoni li saret minnu mal-Bord. Tikkonsidra li jekk il-kitba titqies waħedha barra mill-kuntest tal-atti li tinstab fihom, ċertament ma tistax tinftiehem bħala rikors tal-appell. Dan huwa l-eżami li għandu jsir u jekk il-kitba tfalli, ma jistax jingħad li tħarsu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 36(3) tal-L.S. 441.07.

12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tad-Direttur appellant ġustifikat u tilqgħu. Ġaladarba dan iwassal sabiex il-proċeduri intavolati mill-appellat huma nulli, il-Qorti ma tarax li għandu jkun utli li tikkonsidra l-aggravji l-oħra tad-Direttur appellant, u għal din ir-raġuni ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur appellant billi tilqa' l-ewwel aggravju tiegħu u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell tiegħu, u dan filwaqt li tħassar id-deċiżjoni**

**appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur appellant tal-5 ta' Novembru, 2020.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**